27 ta' Ġunju, 1955

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir. L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Onor. Avukat Dr. Louis Galea, O.B.E., LL.D., ne.

*versus*

Nutar Dr. Paul Pullicino, LL.D.

**Appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat — Qorti Reviżjoni tal-Attijiet Notarili — Nutar — Penali**

*Il-proċess li bih isir appell lill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina minn sentenza tal-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili, għalkemm isir quddiem tribunal ċivili, eppure hu indubbjament ta' indoli penali.*

*U proċediment li jiżvolġi ruħu quddiem tribunal ċivili, imma jkun ta' indoli penali, ma jagħtix lok għal appell lill-Privy Council.*

*Għaldaqstant, jekk il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet Notalili tkun irriteniet li att riċevut minn nutar kien suffiċjentement bollat, u fuq appell ta' l-Attorney General il-Qorti ta' l-Appell tirritjeni diversament, u tikkundanna lin-nutar għal penali minħabba insuffiċjenza ta' boll, is-sentenza li hekk tkun ikkundannatu għal dik il-penali mhix appellabbli quddiem il-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina.*

Il-Qorti; — Rat il-petizzjoni tal-konvenuti Nutar Dr. Paul Pullicino, LL.D., Arkitett u Inġinier Civili Edwin England Sant Fournier, u Nobbli Charles Sant Fournier fil-kwalità premessa, li esponew :

Illi b'rikors preżentat quddiem dina l-Onorabbli Qorti fil-5 ta' April, 1955, l-attur fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, wara li espona illi b'kuntratt fl-atti ta' l-imsemmi Nutar Dr. Paul Pullicino tat-2 ta' Frar, 1954, Joseph Schembri biegħ u ttrasferixxa lill-imsemmi Edwin England Sant Fournier, A. & C.E., B.E.A., li deher fuq l-istess att f'ismu proprju biss, bil-prezz komplessiv ta' £135,000, l-immobili hemm imsemmija jiġifieri ......;

Illi dan it-trasferiment ġie insinwat fir-Reġistru Publiku fit-12 ta' Frar, 1954, kif jirriżulta mill-kopja tan-nota (dok. B annessa mar-rikors), a favur ta' l-imsemmi Arkitett u Inġinier Civili Edwin England Sant Fournier f'ismu proprju (Ins. 565/1954);

Illi b'kuntratt ieħor fl-atti ta' l-istess Nutar Dr. Paul Pullicino tas-6 ta' Mejju, 1954 (dok. C anness mar-rikors), li ġie ħekk imsejjaħ ta' "Dikjarazzjoni", l-imsemmi A.I.C. Edwin England Sant Fournier f'ismu proprju u l-imsemmi Nobbli Charles Sant Fournier in rappreżentanza tad-ditta "Messrs. B. Tagliaferro & Sons", wara li ddikjaraw (1) li bl-att fuq imsemmi tat-2 ta' Frar, 1954, l-imsemmi A.I.C Edwin England Sant Fournier kien akkwista l-proprjetà fuq imsemmija mingħand Joseph Schembri bil-prezz ta' £135,000, u (2) illi, għalkemm l-istess A.I.C Edwin England Sant Fournies kien deher fuq dak l-att f'ismu proprju, huwa fil-fatt kien aġixxa għan-nom u fl-interess tad-ditta "Messrs. B. Tagliaferro & Sons", għaddew l-istess żewġ kumparenti biex jiddikjaraw li l-proprjetà kollha fuq imsemmija, u indikata fl-istess att, kienet qegħdha attwalment tiġi akkwistata minn Nobbli Charles Sant Fournier nomine;

Illi anki dana l-att ġie insinwat fir-Reġistru Publiku, fl-14 ta' Mejju, 1954, kif jirriżulta mill-kopja tan-nota relativa (dok. D eżibit wara r-rikors — Ins. 1988/1954);

Illi l-imsemmi Nutar Dr. Paul Pullicino imbolla dana l-aħħar att tas-6 ta' Mejju, 1954, bħala sempliċi dikjarazzjoni, u ma mbollaħx bħala trasferiment ta' l-immobili fih deskritti;

Illi l-Maġistrat Reviżur, fl-okkażjoni tal-viżita ta' l-atti publikati mill-imsemmi nutar fl-ewwel sitt xhur tas-sena 1954, wara li kkundanna n-nutar għal ċerti kontravvenzjonijiet minuri, b'digriet tad-9 ta' Frar, 1955, li kopja tiegħu hija annessa mar-rikors (dok. E), irrimetta lill-imsemmi Nutar Dr. Paul Pullicino, l-appellat prinċipali f'dik l-istanza, quddiem il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet tan-Nutari kolleġjalment kostitwita biex jirrispondi fuq dawn iż-żewġ imputazzjonijiet, li l-ewwel waħda minnhom mhix relativa għall-azzjoni ta' l-esponent, u ċjoè (a) talli, kuntrarjament għad-dispost tan-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 119 ta' l-1947 (kif emendata

b'dik numru 342 ta' l-istess sena), il-boll ta' £38.12.2 dovut fuq l-att ta' traferiment ta' polza tas-sigurtà u kanċellazzjoni (numru 165, paġ. 928) ġie in parti mwaħħal fuq l-att u in parti mħallas fl-Uffiċċju tat-Taxxi fit-3 ta' Jannar, 1955, u ċjoè mhux fi żmien jumejn mill-publikazzjoni ta' l-att kif trid il-liġi, u (b) talli, kuntrarjament għad-dispost ta' l-art. 57 (1) tal-Kap. 68, fuq l-att indikat bħala "Declaration", li jammonta għal trasferiment ta' immobili (numru 175, paġ. 980), ma ġiex imħallas id-dritt tal-boll ta' fuq il-valur tal-fondi trasferiti, li huwa ta' £135.000, liema dritt jammonta għal £1,350;

Illi l-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet tan-Nutari kolleġjalment kostitwita, b'deċiżjoni tagħha ta' l-24 ta' Frar, 1955, notifikata lill-attur fis-7 ta' Marzu, 1955, li kopja tagħha qegħdha annessa mar-rikors (dok. F), ikkundannat lill-imsemmi Nutar Dr. Pullicino għall-penali ta' £1 fuq l-ewwel imputazzjoni, deħrilha li l-att relativ għat-tieni imputazzjoni ma jammontax għal trasferiment ta' dawk l-istabili, u li ma kellux għalhekk jitħallas il-boll fuq il-valur tagħhom, u konsegwentement illiberat lill-imsemmi nutar minn dina l-imputazzjoni;

Illi l-imsemmi Onor. Dr. Louis Galea nomine ħass ruħu aggravat minn dik id-deċiżjoni, inkwantu lliberat lill-istess nutar mill-imputazzjoni tan-nuqqas ta' boll fuq il-valur ta' l-istabili ndikati fl-att fuq imsemmi tas-6 ta' Mejju, 1954, u, limitatament biss għal dina l-liberazzjoni, għamel appell minnha lil din l-Onorabbli Qorti taħt l-art. 114 tal-Kap. 92; u talab illi, għar-raġunijiet indikati fl-istess rikors, dina l-Onorabbli Qorti jogħoġobha tirriforma l-imsemmija deċiżjoni tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet tan-Nutari kolleġjalment kostitwita ta' l-24 ta' Frar, 1955, fis-sens li tikkonfermaha in kwanto kkundannat lill-imsemmi Nutar Dr. Paul Pullicino għall-penali ta' £1 fuq l-ewwel imputazzjoni, u billi tirrevokaha in kwantu lliberatu mit-tieni imputazzjoni dwar insuffiċjenza tal-boll relativament għall-kuntratt fuq imsemmi tas-6 ta' Mejju, 1954, u minflok jogħġobha tiddikjarah responsabbli ta' dik l-imputazzjoni, u konsegwentement tinfliġġilu l-pe-

nali u kwalunkwe piena oħra applikabbli skond il-liġi. Bl-ispejjeż;

Illi l-esponenti fir-risposta tagħhom għar-rikors ta' l-appell ta' l-attur qalu illi l-appell huwa bla fondament, għar-raġunijiet indikati fl-istess risposta;

Illi dina l-Onorabbli Qorti, b'sentenza tat-30 ta' Mejju, 1955, laqgħet l-appell ta' l-imsemmi Onorevoli Dr. Louis Galea nomine, u kkundannat lill-esponenti Nutar Dr. Paul Pullicino għall-ammenda ta' £3, u f'dan is-sens irriformat is-sentenza jew pronunċja appellata; spejjeż kontra t-tliet appellati;

Illi l-esponenti jħossu ruħhom aggravati bis-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' Mejju, 1955;

Illi l-ammont involut fil-kawża jeċċedi l-£500;

U talbu illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħtihom il-permess li jappellaw mill-imsemmija sentenza mogħtija minn din l-istess Qorti fit-30 ta' Mejju, 1955, għall-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina, sabiex tiġi revokata l-istess sentenza, tant fil-meritu kemm fil-kap ta' l-ispejjeż;

Trattata l-petizzjoni;

**Ikkunsidrat;**

Kif jidher mill-espożitiva tal-każ, "supra", il-kawża intavolata mill-Attorney General kienet għalbiex tiġi nflitta penali lin-nutar minħabba insuffiċjenza ta' boll;

Din il-Qorti, fuq l-appell ta' l-Attorney General, infliġġiet lin-nutar il-piena ta' l-ammenda ta' £3 fuq l-imputazzjoni dwar l-insuffiċjenza ta' boll relativament għall-kuntratt tas-6 ta' Mejju, 1954;

Il-petizzjonanti qegħdin jitolbu l-permess għall-appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat Tagħha minn din is-sentenza ta' din il-Qorti;

Issa, hu ta' evidenza palmari li dan il-proċess, għad li jsir quddiem tribunal ċivili in vija ta' appell minn sentenza tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili, eppure hu indubbjament ta' indoli penali;

Infatti, din il-Qorti ta' Reviżjoni tagħti "pieni dixxiplinari" (art. 113 Kap. 92) u d-deċiżjoni tagħha tinbgħat lill-

Attorney General, li jista' jappella lil din il-Qorti (art. 113, 114). Għandu jiġi notat li l-pieni dixxiplinari (ara art. 130 ibidem) huma dawk stess imsemmijin fil-Kodiċi bis-saħħa ta' l-Ordinanza dwar it-Tifsir ta' Pieni — Kap. 37 Edizzjoni Riveduta; u għalhekk għandhom l-istess sinifikat u effett talpieni msemmijin fl-istess nomenklatura fil-Kodiċi Kriminali. Għandu jiġi wkoll rilevat li l-Attorney General għandu il-"locus standi" tiegħu f'dawn il-proċeduri appuntu bħala prosekutur tal-Kuruna. Hu kontemplat, bħal fil-kriminal, il-każ ta' reċidiva (art. 134 Kap. 92), u l-kundanna hi ta' "piena" (ara kliem ta' l-aħħar ta' l-art. 139 ibidem);

Issa, proċediment li jiżvolġi ruħu quddiem it-tribunal ċivili, imma jkun ta' indoli penali, ma jagħtix lok għall-appell lill-Privy Council, kif kien deċiż minn din il-Qorti fil-kawża "Onorevolissimo Gerald Lord Strickland vs. Dr. Mifsud Bonnici nomine", 15 ta' Diċembru, 1933, fejn jingħad hekk: "Atteso che è inoltre da rilevare che, come corollario delle considerazioni sopra fatte, deve ritenersi inappellabile alla Corte Suprema di Londra la decisione del 19 giugno, 1933, anche per un altro motivo, e cioè perchè trattasi di un provvedimento di indole penale, di una pena suppletiva, e l'Ordine in Consiglio del 22 novembre, 1909, concede l'appello di diritto nelle controversie di natura civile solamente";

Anzi fil-każ preżenti hemm raġuni aqwa; għax mentri fil-każ ta' libell, kif kien il-każ ċitat, l-indennizz għall-inġurja jintalab mill-privat, u, jekk jintrebaħ, jitħallas lill-privat, u mentri, jekk l-indennizz tal-libell ma jitħallasx, ir-rimedju jikkonsisti fil-mezzi eżekutivi konsentiti mill-liġijiet ċivili, għall-kuntrarju, fil-każ in ispeċie qegħdha tintalab piena vera u proprja, qegħdha tintalab mill-Attorney General bħala Prosekutur, titħallas il-piena lill-Kuruna, u, jekk ma titħallasx, ir-rimedju hu, skond l-art. 2 tal-Kap. 37 fuq ċitat, il-konversjoni tal-piena pekunjarja f'piena restrittiva tal-libertà personali;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad it-talba; bl-ispejjeż kontra l-petizzjonanti.